MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2012

Numru. 84/2010

**Il-Pulizija**
**(Sp Jesmond J Borg)**

**vs.**

**Jordan Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Jordan Azzopardi ta' 20 sena iben Ivan u Jennifer Anne nee' Meldrum, mwieled Pieta fis-26 ta' Awwissu 1989 residenti 11, Mansions House, Appartment 11, Triq Bieb it-Torri, Msida, ID 405889 (M)

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-6 ta' Ottubru 2009 gewwa l-Msida, kif wkoll f'din l-ahhar sena, f'diversi postijiet madwar Malta, f'hinijiet differenti, kellu fil-pussess tieghu

r–raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li rat u semghet il-provi u t-trattazzjoni dwar il-piena,

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-fatt li l-imputat ikkopera mal-pulizija, pero ma rregistratx ammissjoni bikrija u ghalhekk ma setax jiehu d-discount kollu. Ghalkemm meta gie mressaq mill-pulizija fil-proceduri odjerni kellu fedina penali netta, mill-fedina penali aggornata jirrizulta li fis-17 ta' Jannar 2012 huwa gie kkundannat sentejn prigunerija u multa ta' 500 Euro ghax instab hati inter alia ta' pussess aggravat tad-droga kokaina.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghal multa ta' hames mitt Euro (€500), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta'

hamsin Euro (€50.00) bl-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard mill-1 ta' Dicembru 2012. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut

In vista tal-fatt li fil-kawza odjerna ma gew inkorsi l-ebda ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni li saret ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna d-distruzzjoni tal-affarijiet esebiti taht il-harsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------